# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 350/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**Peter sive Pierre Falzon**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Peter sive Pierre Falzon, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535060M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'xi granet, bejn Jannar 2008 u Dicembru 2012, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-

haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghad-dannu ta' Carmelo u Nicodemo Mallia, u Salvatore u Theresa Camilleri, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

2. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghaddannu ta' Daniel u Lisa Marie Vella u Mark Farrugia, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

3. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlasijiet ta' bolol u taxxi fuq qliegh kapitali ma' bejgh ta' fond li tieghu huwa kien in-nutar, ghaddannu ta' Anthony, Victor u George Cassar, Angelo Ebejer u Ausilio Vella, b'valur li jeccedi l-€2,329.37;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-16 ta' Gunju, 2016 li biha sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn, liema perjodu kien sospiz ghall-perjodu ta' erba' snin ai termini ta'

l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-imputat u dan sabiex jifhem ahjar l-import taghha f'kaz li huwa jonqos li josservaha. Il-Qorti ordnat wkoll li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kunsill Nutarili ta' Malta sabiex jirregola ruhu fid-dawl ta' dan il-pronunzjament u jekk hux il-kaz li jitnehha il-warrant sabiex l-imputat ma jipprattikax aktar ta' Nutar Pubbliku.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Gunju, 2016, fejn talab lil din il-Qorti jogghobha **tirrevoka u thassar** s-sentenza u minflok tiddikjarah mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skond il-ligi jew **alternattivament** u minghajr pregudizju, **tirriforma** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-imputat appella minn din is-sentenza u ressaq tlett aggravji bl-ewwel lanjanza diretta lejn in-nuqqas ta' prova tal-elementi rikjesti mil-ligi u tal-kwalita' tal-prova mressqa mill-prosekuzzjoni. Fit-tieni gravami, l-appellant jghid li kien fl-impossibilita' li jirregistra l-kuntratti kollha minnu redatti u fl-ahhar aggravju jargumenta illi ghad illi kien negligenti u traskurat

meta ma rregistrax il-kuntratti fil-hin huwa xorta wahda wettaq id-dmirijiet tieghu skond il-ligi;

2. Jokkorri qabel xejn li jkunu elenkati l-fatti ta' dan il-kaz li huma inkontestati u konsistenti filli l-imputat, bhala nutar pubbliku, kien rcieva tlett kuntratti li fihom il-kontraenti kkonsenjaw f'idejn l-appellant il-hlasijiet dovuti bhala Taxxa Fuq Qliegh Kapitali u Taxxa fuq id-Dokumenti (Boll) sabiex dawn jithallsu minn nutar lill-awtoritajiet fiskali mal-publikazzjoni tal-kuntratti. Dawn il-kuntratti, izda qatt ma kienu pubblikati u lanqas allura ma sar il-hlas tal-ispejjes fiskali. Huwa tressaq quddiem il-Qorti fis-sena 2013 fuq talba ta' dawn il-persuni dwar it-tlett kuntratti maghmula fis-sena 2008, 2009 u 2010. Wara li rcieva dawn il-kuntratti, l-imputat ghamel zmien twil barra minn Malta dovut in parti ghall-cirkostanzi ta' indisposizzjoni ta' martu u kien ingieb lura Malta bis-sahha ta' European Arrest Warrant waqt li kien qieghed Spanja;

3. **L-ewwel aggravju** tal-appellant jirrigwarda sia l-elementi formali tar-reat kif ukoll dak materjali. L-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx "il-provi tal-elementi rikjesti mil-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent" **izda** fis-sottomissjonijiet orali kjarifika dan il-gravam bhala dirett lejn in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni li kien hemm l-intenzjoni tal-appropriazzjoni indebita. Fit-**tieni aggravju** imbaghad huwa jargumenta illi kien fl-impossibilita' li jirregistra l-kuntratti kollha minhabba sitwazzjoni ta' mard kif ser ikun spjegat. L-ewwel u t-tieni aggravju ghalhekk ser ikunu konsiderati flimkien fejn dawn jirrigwardaw l-elementi intenzjonali tar-reat;

4. Bil-fatti kif allegat mill-prosekuzzjoni huma kolpiti l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali. L-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni

korretta tal-elementi ta' dawn iz-zewg artikoli u din il-Qorti jidhrilha li ma ghandha zzid xejn in rigward ghajr illi taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-20 ta' Novembru, 2000 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Abdilla u Alfred Olivia – App Krim 288/99, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali elenkat l-elementi tar-reat bi kjarezza bil-mod segwenti. Ir-reat, huwa wiehed kontra l-proprjeta', u "il-hsara fil-proprjeta' tavvera ruhha appena l-agent, b'abbuz ta' fiducja, jikkonverti (ossia jaghmel uzu daqs li kieku kienu tieghu, bi profitt ghalih jew ghal haddiehor, xi haga li tkun inghatat lilu u li tkun destinata jew li tintradd lura lis-sid jew li jsir uzu minnha specifikat. Fi kliem Maino: "*Vera restituztione e uzo determinato implicano necessariamente la non assoluta disponibilita' per parte del consegnatario ...La formola: convertendo in profitto di se' o di un terzo dimoistra, come gia dicemma, che la legge intende la appropriazione nel senso il piu' lato, e quindo anche in quello dell'esercizio di un solo dei diritti inerenti al dominio, non in quello rigoroso e ristretto di alienazione"* (**Commento al Codice Penale Italiano,** UTET (Torino), 1924, Vol. IV. P. 102, para. 1949 u p.105, para. 1951).

5. Tispjega l-istess Qorti, dejjem fis-sentenza citata, illi l-elementi tar-reat in dizamina jinsabu, oltre l-element ta' profitt: fil-konsenja partikolari ta' oggett lill-appellant; maghmula bil-volonta' tas-sid u b'fiducja; bil-hsieb li jaghmel minnhom uzu specifikat. Il-kwistjoni devoluta quddiem il-Qorti kienet dwar jekk il-fatti ghandhomx mir-reat ta' serq jew tal-appropriazzjoni indebita u ghalhekk tenniet illi " Fi kliem il-gurista Francseco Antolisei: *La figura giuridicia dell-appropriazjone indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenta ... mentra il-furto, come se e' vista, implicat nell'autore la mancanza dell'possesso, consistendo nel fatti di procurarsel (impossessamento), l-appropriazjoni indebita presume che l-agente gia; possieda le cose mediesima. Quando il reo non ha*

*il possesso, egli non puo' commettere appropriazjoni indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile di furto* (Antolisei F., **Manuael di Diritto Penali – Parte Speciale I**, Giuffre (MilanoP, 196, p. 274 – 275);

6. Issa, applikat dan l-insenjament fil-kaz odjern, temergi l-konsenja volontarja u bil-fiducja tas-sid, tal-flus lill-agent ghar-raguni partikolari sabiex dan jghaddi l-istess flus lill-erarju. Dan kollu mhux ikkontestat. Dak li hu kontestat huwa l-ewwel element, igifieri li l-agent ikun dawwar bi profitt ghalih jew ghall-haddiehor l-oggett lilu konsenjat. Jargumenta in rigward l-appellant, illi wara li kellu jitlaq hesrem minn Malta sabiex ikun vicin martu li kellha tinghata kura barra minn Malta, kien diga hallas is-somma ta' €350,000 f'bolol u capital gains u ghalhekk ma kienx hemm il-prova necessarja tal-element intenzjonali tieghu li jzomm il-flus bi profitt ghalih. Jissoktaw il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti ghalhekk dwar dan l-ewwel element;

7. Il-kuntratti in kwistjoni igibu s-segwenti dati: 9 ta' Jannar 2008 (Dok S.10),; 24 ta' Novembru, 2009 (Dok S.3) u iehor tal-2010 (Dok S.9 mhux datat izda li skond il-kontraenti sar tlett snin qabel id-deposizzjoni tieghu tal-2013. L-imputat xehed f'Marzu tas-sena 2015 u spjega illi il-flus minnu percepiti ma intuzawx ghal xi haga ohra. Spjega ukoll kif fiz-zmien ta' dawn il-kuntratti martu kienet marida, ghamlet zmien twil hekk u anke sifirha ghall-kura. Sa dakinhar kien irregistra hafna kuntratti [u din il-Qorti tifhem li dan sar b'mod retroattiv] u kien ghadu ghaddej bil-process izda peress illi telaq minn Malta ta' malajr fis-sena 2009 u dam sal-2010 barra fejn allura kellu hafna xoghol b'lura izda l-kuntratti in kwistjoni kien ser jirregistrahom ukoll. Inoltre huwa tilef lill-ommu waqt dan kollu u kien soggett ta' sekwestri minn terzi bil-kontijiet bankarji u l-beni tieghu frizati. Sa dak inhar kien gia hallas €350,000 f'bolli u capital gains tax. Il-flus tal-kuntratti in kwistjoni qieghdin ghandu d-dar u mhux go kont bankarju. L-imputat

kkonferma li kien talab lill-Ispettur Prosekutur xi ftit zmien biex jirregistra dawn il-kuntratti u seduta stante iddikjara li dawn ikunu registrati fi zmien sitt xhur;

8. Mart l-imputat xehedet illi fiz-zmien meta siefret ma' zewgha kien ghal skop ta' negozju meta allura mardet u ma setghetx tivjagga lura. In-negozju ma sehhx u sahansitra tilfu l-flus. Hija rceviet il-kura medika gewwa Milano u waqt li zewgha kien fi Spanja ghall-gurnata, kien arrestat bis-sahha ta' European Arrest Warrant u ngieb Malta sabiex jitkomplew proceduri kriminali kontra tieghu differenti minn dawk odjerni;

9. L-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni r-ragunijiet kollha mqanqla mill-imputat ghaliex ma rregistrax dawn il-kuntratti u konsegwentement ma ghaddiex it-taxxi relevanti lill-erarju. Osservat ukoll illi minkejja li ddikjara li l-flus qieghdin ghandu d-dar u inghata zmien biex jottempera ruhu xorta wahda baqa' inadempjenti. L-imputat ghadu inadempjenti sal-lum, igifieri lanqas fil-mori ma rnexxielu jirregistra dawn il-kuntratti anke jekk it-taxxi relevanti jinsabu ghandu d-dar. Wisq drabi, l-element intenzjonali huwa rifless mill-azzjoni tal-individwu li f'dan il-kaz huma rakkolti f'dik li accetta li jirredigi l-kuntratti, accetta f'isem l-awtoritajiet Maltin t-taxxa dovuta, naqas milli jippublika l-atti u konsegwentement ukoll milli jrodd dawk it-taxxi lill-erarju jew jirritornahom lill-kontraenti. Dan huwa marbut mal-principju illi huwa bizzejjed ghall-imputat, jekk jixtieq, li jipprova fuq livell tal-probabbli li l-azzjoni tieghu mhix wahda kif vista mill-ottika tal-prosekuzzjoni, ossia li ma ghamilx dak lilu addebitat;

10. Il-provi tal-prosekuzzjoni, izda, juru mod iehor. L-appellant accetta li jircievi dawn il-kuntratti fi zmien meta gia kien jinsab f'qaghda finanzjarjament hazina. Telaq minn Malta meta gia kellu kuntratti ohra simili mhux pubblikati tant li *ex admissis* gia hallas is-somma ta' €350,000 f'bolol u taxxi lill-erarju b'mod retroattiv. Telaq ghal-skopijiet ta' negozju li ma jghidx x'inhuma u ma informa

lill-hadd li t-tluq tieghu minn Malta kien wiehed temporanju u li kien fi hsiebu jirregolarizza l-posizzjoni tieghu mar-ritorn jew mod iehor tant li kellu jingieb Malta b'mandat ta' Arrest Ewropew in konnessjoni ma' proceduri ohra. L-azzjoni tieghu li jzomm il-flus lilu afdati, anke sal gurnata tal-lum, tissarraf f'dik il-konverzjoni, bi profitt ghalih jew ghall-haddiehor kif ravvizat fl-artikolu 293 tal-Kodici Kriminali, aggravat skond l-artikolu 294;

11. L-**Antolisei** (Manuale Di Diritto Penali – Parte Special I - 1957 pp. 237 para E ) jippreciza hekk: "*Per quanto concerne la consumazione del reato, deve escludersi che sia necessario che l-agente bbia conseuito un profitto, per che dalla formula dell'art. 646 si desume in modo inequivocabile che il- profitto e' soltanto una nota dell'elemento psicologico; e' il-fine a cui la volonta si deve dirigere. Non e' dubbio che il delitto e' perfetto anche se tale fine non viene realizzato.*" L-artikolu 646 tal-Kodici Penali Taljan li dwaru jitkellem l-Antolisei jipprovdi hekk: "*Chiunque, per procurare a se' o ad altri un ingiusto profitto, si appropria il denaro o la cosa mobile altrui di cui abbia, a qualsiasi titolo, il-possesso, e punito, ecc*" (pp.230). Fil-para F a pp. 238, imbaghad jispjega illi "*Per la sussistenza del* dolo *occorre anzitutto la consapevolezza di cioe' che la condotta presuppone, e precisament del possesso e dell'altuita' della cosa".* Bir-ragunament validissimu tal-Antolisei, il-fatt wahdu tal-ispussessar tal-flus mhux mehtieg prova li dawk il-flus kienu konvertiti fi proprjeta' ohra;

12. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti qabilha setghet tasal ghall-konkluzzjoni diversa minn dik li wasslet ghaliha. Jorbot ma' dan illi r-ragunijiet migjuba mill-istess imputat ma jirravizaw ebda impossibilita' kif minnu argumentat fit-tieni aggravju tieghu meta donnu irid jghid li l-uniku nuqqas tieghu kien li ma rregistrax il-kuntratti fil-hin meta dawn il-kuntratti ghadhom mhux registrati sal-lum;

13. L-ewwel u t-tieni aggravji ghalhekk qed ikunu michuda;

14. Fit-tielet gravam, l-appellant iressaq is-segwenti ragunament: "*Illi mill-provi kien stabbilit li l-esponent wettaq id-dmirijiet tieghu skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Notarili u rrediga il-kuntratti rikjesti skond il-ligi. / Bl-akbar rispett l-esponenti jikkoncedi li seta kien negligenti u traskurat meta ma rregistrax l-atti b'mod immedjat, izda bil-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni ma kellux jinstab hati ta' missapropriazzjoni".* Dan mhu xejn ghajr ripetizzjoni tal-ewwel u tieni gravami mehuda flimkien u ghalhekk ma hemm xejn aktar x'jinghad milli diga konsiderat ghajr illi dan huwa gravam fierah meta l-appellant jghid illi kullma ghamel hazin kien li ma rregistrax il-kuntratti b'mod immedjat, haga din li ghadu ma ghamilhiex sal-lum. Fost id-doveri tieghu *qua* nutar pubbliku, huwa kellu mhux biss jirredigi l-kuntratt skond l-Ordinanza, izda ukoll josserva l-obbligi l-ohra tieghu fosthom li jippublika l-atti u jghaddi l-ammont ta' boll u taxxi lill-erarju;

15. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud u konsegwentement it-talba tal-appellant ghar-**revoka u thassir** tas-sentenza appellata qed tkun michuda;

16. L-appellant ghamel ukoll talba **alternattiva** ghar-riforma tas-sentenza sabiex il-piena tkun mibdula f'wahda aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz. L-appellant ma ressaq ebda aggravju ghar-rigward tal-piena erogata mill-ewwel Qorti u fis-sottomissjonijiet orali tieghu ddikjara li l-piena hija wahda "tajba". Ghalhekk ma hemm ebda htiega li din il-Qorti tinoltra f'diskussjoni in rigward;

17. Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud u konsegwentement it-terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin jibda jiddekorri mil-lum u l-Qorti ghaddiet biex tfisser fi kliem car l-obbligi tal-appellant naxxenti minn din is-sentenza.

Giovanni Grixti

Imhallef